## It-Tielet Ħadd tal-Avvent
## "Jiena Nibgħat Qablek il-Ħabbar Tiegħi"

***Daħla:*** It-tielet Ħadd tal-Avvent hu Ħadd il-Ferħ. Il-Knisja tifraħ bil-miġja tal-Messija u s-Salvatur tagħha. Aħna nuru l-preparazzjoni għall-miġja tal-Mulej billi nindmu bil-ferħ. L-indiema ġġib ħelsien ta' veru jekk ninbidlu kif naħsbu u nġibu ruħna. Ġesù jsir iċ-ċentru ta' ħajjitna; irridu nfittxuh; irridu nħobbuh fuq kollox; irriduh f'darna, f'ħajjitna. Ejjew nagħmlu kuraġġ lil xulxin. Nibdew diċ-ċelebrazzjoni billi nkantaw ...

***L-Ewwel Qari:*** Il-profezija li se nisimgħu twettqet kompletament f'Ġesù. Hu ġie biex isalvana, ġie jiftaħ għajnejn il-għomja u jiftaħ widnejn it-torox. Għalhekk, aħna l-mifdijin għandna nifirħu.

***Responsorju tas-Salm:*** **Ejja Mulej, ħa ssalvana**

***It-Tieni Qari:*** Is-sabar hu virtù fil-ħajja tan-nisrani. Il-kuraġġ ukoll. It-tgergir kontra xulxin hu tfixkil fil-konverżjoni.

***Offertorju:*** *(X'ħin ikunu se jitressqu l-offerti lejn l-artal, l-animatur igħid):*
Noffru t-tbatijiet tagħna lill-Mulej għax fihom, hu ġej biex jiltaqa' magħna. Waqt din l-offerta nkantaw...

***Tqarbin:*** *(Waqt li s-saċerdot ikun jitqarben bid-Demm ta' Kristu, l-animatur igħid)*
Ejjew niftħu qalbna għall-imħabba ħanina ta' Ġesù biex jagħtina l-kuraġġ li neħtieġu u s-saħħa li għandna bżonn. Inkantaw....

***Ringrazzjament:*** *(waqt li s-saċerdot ikun jippurifika l-Kalċi, l-animatur igħid)*
Is-Salm tallum iħeġġiġna niftħu għajnejna tal-fidi u niltaqgħu mal-Mulej li jsalvana fis-sitwazzjonijiet ta' kuljum. Ngħidu (JEW) inkantaw...

***Kant tal-Għeluq...***